# KWADRU TA' SAN GIRGOR FIL-KNISJA TA' SAN FRANĠISK FIL-BELT VALLETTA



Waħda mill-knejjes li hemm fil-Belt Kapitali tagħna l-Maltin, u li fiha hemm ġabra mill-isbaħ ta' kwadri prestiġġjużi ta' artisti kbar, hija l-knisja ta' San Franġisk tal-Patrijiet Knoventwalli. Din tinsab fit-tarf ta' triq ir-Repubblika u hi magħrufa l-aktar bħala 'San Franġisk ta' Putirjal'.

Wieħed mill-artisti l-kbar li qatt ħadmu f'Malta hu Mattia Preti. F'din il-Knisja insibu diversi xogħol minn tiegħu fosthom il-kwadru titulari ta' San Franġisk u l-kwardi ta' Sant'Antnin, San Luqa l-Evanġelista, l-Madona tal-Porziuncola u dak ta' San Girgor il-Kbir.

Dan il-kwadru ta' San Girgor għandu storja nteressanti ta kif sab il-post tiegħu f'din il-Knisja. Kien il-GranMastru Gregorio Carafa fis-sena 1681 li bil-flus tiegħu stess kien daħal biex jibni l-Knsija li hemm illum minflok oħra li kien hemm qabel. Dan il-fatt huwa mnaqqax fil-ġebla mal-faċċata tal-Knisja bħala xhieda. Meta tliestiet mill-bini, l-Knisja bdiet tiġi mżejjna b'numru t'opri sagri sbieħ. Kienet ix-xewqa tal-Gran Mastru benefattur ewlieni li wiehed mill-artali jkun iddedikat lill-qaddis li għalih hu kien imsemmi.

Artist li kien qiegħed jagħmel bosta xogħlijiet kkumissjonati mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann dak iż-żmien kien Mattia Preti. Għal daqstant kienet ħaġa naturali li dan jiġi mqabbad biex jagħmel il-kwadru ta' San Girgor.

Interessanti l-fatt li f'dan il-kwadru fuq il-parti ta' fuq tat-tila, bil-qegħda fuq tron ta' sħab adjad, mal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorHa hemm ukoll Sant'Anna tindkora liċ-ċkejkun Ġesu`.

Mhux soltu li din il-Qaddisa tkun inkluża fliemkien mal-Madonna fi kwadri bħal dawn.

San Girgor bl-abiti papali tieghu għarkubtejh fuq inġinokkjatur bil-baklu f'idu l-leminja qiegħed iħares 'il fuq lejn il-Madonna bil-Bambin. B'idejh l-oħra l-isfel qiegħed juri dak li mill-art iwassal lejn il-Glorja tas-sema. Dan huwa it-talb lill-Ommna Marija. Isfel taħt it-tron ta' sħab abjad, l-artist pinġa r-ritratt tal-Gran Mastru Gregorju Carafa fi kwadru zgħir li qiegħed jinżamm wieqaf minn Anġlu zgħir. Biex tingħata l-impressjoni li dan kien il-benefattu tal-Knisja, f'idejn l-Anglu l-artist pinġa r-riga u l-lapes.

Minbarra l-mob sabieħ li bih huma mirquma l0kulri f'dan il0kwadru, wieħed jinnota wkoll l'għerf kbir li kellu l'artist Mattia Preti meta kien jiġi biex ifassal



ix-xogħlijiet tiegħu. Il-firma tista tgħid awtentika ta' Preti f'dan il-kwadru narawha fl-Anġlu żgħir li jidher qiegħed iħares minn wara r-riġlejn tal-figura ta' Sant'Anna. Dan l-Anġlu huwa dehra komuni fil-kwadri l-ohrajn ta' dan l-artist kbir.

*IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD.*

**Mario Fenech**

